**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 154 / 2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ramona Borg**

**<u>Illum 26 ta' Settembru 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Ramona Borg detenur tal-karta tal-identita' Maltija **17196M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

1. Talli fis-17 ta' Lulju 2021 ghall-habta ta' 13.00hrs fi Triq il-Belt Valletta Qormi soqt vettura b'numru ta'registrazzjoni HBS267.

2. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga minhabba f'hekk Victor Stafrace batgha offiza gravi fuq il-persuna, li tkun gabet il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr Daniel Desira MD mill-MDH.

3. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jjew b'nuqqas t a^ , hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku hbatt ma'vettura nru ICF 165 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Victor Stafrace

4. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.

Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kas ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il- punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-LS 65.18 Art 36B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda.

Rat L-artikoli 328(b) (d) tal-Kap 9, 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, 36B u sitt skeda LS 65.18 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat x-xhieda prodotta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-**20 ta' Marzu, 2023**, fejn il-Qorti lliberat lill-imputata mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontriha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-**18 ta' April 2023**, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lil Ramona Borg ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant l-Avukat Generali li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

A. **Ir-Raġunijiet tal-Appell**

Illi l-esponent ħassu aggravat bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellata għar-raġunijiet segwenti:

Illi, b'kull rispett, l-esponent ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati stante li hija għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiema. L-esponent huwa tal-umli fehma li mill-provi miġjuba, senjatament mill-affidavit ta' PS 827, mill-isketch, mir-ritratti, mix-xhieda ta' Victor Stafrace u ta' Rosmar Mifsud, u mir-rapport tal-Pulizija li jindika l-ħsarat li ġarrbu ż-żewġ vetturi kif ukoll id-dikjarazzjonijiet ta' Victor Stafrace u Ramona Borg, jidher li l-karozza tal-appellata daħlet fil-karreġġjata tal-mutur ta' Victor Stafrace bil-konsegwenza li dan tal-aħħar sofra ġrieħi gravi tant li se jibqa' jbagħti minn debbulizza permanenti fis-saħħa u/jew fil-funzjoni ta' riġlejh il-leminija;

Illi fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-appellata, l-esponent jixtieq jiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li *a folio* 13 tal-atti proċesswali, ir-rapport tal-pulizija jaqra hekk:

> KONT QED INSUQ FI TRIO VALLETTA QORMI U RIDT INDUR GHALL TRIQ ARMAL RAT LI MA KIEN GEJ HADD U HEKK KIF KONT SER NIKSER SIBT MUTUR MA WICCI. PROVAJT NEVITAH IMMA KIEN GHALXEJN GHAX HBATNA ILLUM 11/09/2021 IL PULIZIJA GIET MITKELMA MINN RAMONA FEJN DIN STQARRET ILLI WARA LI INSURANCE QRATILHA IR RAPPORT XTAQET TIKKOREGI IL FATT LI HIJA KIENET WIEQFA BIEX TIKSER GHALL TRIQ ARMAL QORMI. RAJT TRUCK HIEREG MINN DIK IT- TRIQ U B HEKK WAQAFT BIEX INCEDILU. KIEN DAK IL HIN LI KONT WIEQFA LI TAL MUTUR DAHAL GO FIJA.

Illi fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-appellata xehdet skont it-tieni verżjoni li hemm miktub fir-rapport tal-pulizija filwaqt li meta ġiet mitkellma mill-pulizija *a tempo vergine* stqarret l-ewwel verżjoni li hemm miktub fit-tali rapport. Illi għalhekk isegwi li x-xhieda ta' Victor Stafrace u ta' Rosmar Mifsud hija aktar kredibbli minn tal-appellata;

Illi fil-każ in desamina jirriżulta li l-appellata kellha l-obbligu li żżomm *a proper lookout* u li tara li verament ma kien ġej ħadd mid-direzzjoni opposta qabel ma tibda tikser sabiex tidħol fi Triq Almal, Qormi iżda jidher li l-appellata naqset milli tagħmel dan;

Illi l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Sultana**, mogħtija fis-26 ta' Mejju 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn, fir-rigward tal-prinċipju "*proper lookout*", din l-Onorabbli Qorti qalet is-segwenti:

> 54. Issa, għal dak li jirrigwarda l-element tal-'proper look out' meħtieġ minn kull sewwieq prudenti u diliġenti, din il-Qorti tagħmel pjena referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Dorianne Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018:
>
> > *"Ibda biex ......, "driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn ilpedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."(App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)*
> >
> > *Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:- "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak iddriver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u talkonsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ." (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din lemergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car 5 iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghallgharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "IlPulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI. p.iv. p.765)"*

*Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk issitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet: "Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet:*

*a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*
*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*
*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente." …..*
*ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'lhekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta: "In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*
*1. la volontarieta dell'atto;*
*2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
*3. la possibilita di prevedere. Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide IlPulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"*

*Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."* ***Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. 6 Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable"*.

***L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx**: "Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'lAntolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi: 1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta; 2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola; 3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*

*Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."*

*55. Ukoll, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Shaun Debono** deċiża nhar it-18 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret is-segwenti fuq il-kunċett ta' 'proper look out':*

*Illi hu ovvju li l-ewwel u l-laqwa mod kif wieħed jista' jassikura ruħu minn dan hija billi jeserċita 'a proper look out' u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiż-żewġ direzzjonijiet. Illi hu ovvju li l-appellant ma żammx proper lookout għax kieku ħares tajjeb 'il quddiem, u lejn il-lemin tiegħu kien jara il-mutur ġej jeljh. Dan il-mutur ma waqax mis-sħab jew immaterjalizza fittriq proprju kif hu kien qiegħed jittanta jaqsam il-karreġġjata. Bil-fors li kien ilu viżibbli għal ċertu interval. Bil-fatt li l-appellant jibqa' jinsisti li hu fl-ebda ħin ma ra l-mutur qabel l-ħabta, qed jinkrimina ruħu dwar in-nuqqas ta' proper lookout.*

*56. Sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-isteering wheel f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja*

*jekk mhux użata u misjuqa bilgħaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-proper look-out bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.*

*Is-sewwieq irid dejjem iżomm proper look-out u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma pedestrians.*

*Id-dover ta' proper lookout:*

> *: '...gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. "Il-Pul. vs. Joseph Vella" – [10.8.1963] ) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961] )." In oltre "..kif gie ritenut fi "NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968) :- "Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

*57. Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal kawża* ***Horace Balzan Falzon Wintrup vs. Joseph Attard*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Ċivili) fit-30 ta' Lulju 2010 fejn intqal issegwenti fuq il-kunċett ta' 'proper look out' f'materja ta' inċidenti stradali:*

> *Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fissewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus paterfamilias u li hija ragjonevoli tenut kont taccirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tattraffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road. "Side road user [ghandu] 'a higher duty' li jespolra l-main road, u jesploraha tajjeb f' sens li jara dak li kien vizibbli" "Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u filgurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola ssewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bixxita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable*

*look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…."*

***Reasonable look out ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view****. "The duty to look implies the duty to see what is in plain view". Konformament mal-premess u b'applikazzjoni tal-premess ghandu relevazna qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onr.Qorti tal-Appell Kriminali li jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out"*.

Illi, fir-rigward tal-kunċett "sewqan traskurat (*negligent driving*)", l-esponent jagħmel referenza għal ġurisprudenza nostrana fosthom is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 1997, li jagħmlu referenza għaliha wkoll is-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Joel Camilleri** u **Il-Pulizija vs Michael Angelo Xerri** deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Settembru 2022 u fil-25 ta' Jannar 2023 rispettivament, fejn il-Qorti rriteniet is-segwenti:

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiettal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

Illi kif intqal diġa aktar 'il fuq, l-appellata tat żewġ verżjonijiet tal-akkadut fi tliet darbiet, ċioe' l-ewwel darba lill-Pulizija *a tempo vergine* fis-17 ta' Lulju 2021, imbagħad it-tieni darba tat verżjoni differenti lill-Pulizija wkoll fil-11 ta' Settembru 2021 wara li marret għand il-kumpanija tal-*insurance* u t-tielet darba fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn żammet mat-tieni verżjoni li tat lill-Pulizija fil-11 ta' Settembru 2021;

Illi l-esponent jirrileva li dan kollu jindika d-dinamika ta' kif attwalment seħħ l-inċident. L-inċident mertu tal-każ in kwistjoni seħħ preċiżament fil-mument li l-appellata bdiet tikser il-vettura tagħha sabiex tidħol fi Triq Almal. Dan jirriżulta mhux

biss minn kliem l-appellata iżda anki minn dak li xehed Rosmar Mifsud li kien qiegħed fi Triq Almal stess u kien għalhekk fil-viċinanzi ta' fejn seħħ l-inċident u seta' jara sew l-inċident isir. Jidher li l-impatt seħħ f'dawk il-ftit sekondi meta l-vettura misjuqa mill-appellata bdiet tikser mit-triq prinċipali - Triq Valletta - għal ġot-triq laterali - Triq Almal - u biex l-inċident seħħ daqshekk malajr jista' jingħad li l-manuvra tal-appellata kienet veloċi, ċioe' l-azzjoni tagħha kienet saret b'tali ħeffa li permezz tagħha l-appellata sabet ruħha fil-karreġġjata ta' Victor Stafrace waqt li kien ġej mid-direzzjoni opposta fid-dritta tiegħu;

Illi d-domanda li ssegwi allura tkun kemm l-appellata fis-sewqan tagħha, bħala sewwieq li kienet dieħla minn triq prinċipali għal ġo triq laterali, eżerċitat dik id-diligenza mistennija minnha f'dawk iċ-ċirkostanzi. Fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs Jason John Buttigieg</u>** deċiża nhar it-30 ta' Settembru 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> Il-Highway Code jiddisponi fir-regolament 212 u 213:
>
> 212. Jekk ma jkunx muri xort'oħra, it-traffiku fit-triq prinċipali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun dieħel, jew li jkun se jħalli t-triq prinċipali.
>
> 213. F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, ittraffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereġ minn, it-triq prinċipali.
>
> Dana jfisser illi min ikun ser jinvadi it-traffiku fi triq prinċipali irid josserva tlett regolamenti importanti u ċjoe:
>
> 1. Li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkroċju bil-ħsieb li jaċċerta ruħu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq prinċipali ma jkunx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq.
>
> 2. Li jaċċerta ruħu li ma jkunx hemm traffiku fuqha. Jew almenu, jekk ikun hemm traffiku, ikun tant 'il bogħod li l-ħruġ tiegħu fuqha ma jkun bl-ebda mod se jfixkel it-traffiku;

3. Li jiċċaqlaq għal fuq il-karreġġjata prinċipali bil-mod il-mod inching out u jekk meħtieġ jieqaf għal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna littraffiku jgħaddi.

Li kieku l-appellata żammet *a proper lookout* kienet tkun f'pożizzjoni li tara lis-sewwieq tal-mutur ġej u għalhekk tkun setgħet tippreveni dak li kien prevedibbli in kwantu hija, u għandu jkun prevedibbli għal kull sewwieq li minn triq prinċipali, arterjali, u traffikuża bħal dik ikun għaddej it-traffiku u kien bil-wisq prevedibbli li, jekk ma tħarisx sew qabel toħroġ għal fuq il-karreġġjata laterali mingħajr ma tagħti dik l-aħħar daqqa t'għajn sew fuq it-triq, setgħet tara li kien hemm vetturi oħra ġejjin minn direzzjoni jew oħra. L-appellat kienet obbligata li żżomm *a proper lookout* u ddur biss għal ġo Triq l-Almal wara li effettivament tassew ivverifikat sew li ma kien ġej ħadd billi tat l-aħħar daqqa t'għajn lejn dik id-direzzjoni minn fejn kien ġej il-mutur qabel ma bdiet tikser għal ġo Triq l-Almal, Qormi;

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-esponent isostni li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellata huma ppruvati sal-grad rikjest mil-Liġi. Jirriżulta li l-appellata kkaġunat l-inċident in desamina bil-konsegwenza li Victor Stafrace sofra xi ksur fir-riġlejh il-leminija kif konfermat mit-tabib Dr Daniel Desira tant li qiegħed isofri minn diżabilita' permanenti kif konfermat mill-perit mediku Dr Carmel Sciberras, u li l-mutur ta' Victor Stafrace ġarrab ħsarat kif konfermat mir-rapport tal-pulizija. *Inoltre*, b'referenza għat-tielet imputazzjoni, l-esponent jissottometti li s-sewqan tal-appellata jaqa' fid-definizzjoni ta' sewqan traskurat hekk kif deskritt aktar 'il fuq u kif spjegat fil-każistika kopjuża li ssemmiet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Sultana** deċiża fil-5 ta' Novembru 2016 u li għamlet referenza għaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-istess każ;

Illi għalhekk, b'kull dovut rispett, l-esponent jissottometti li fil-każ *de quo*, l-apprezzament u l-analiżi tal-fatti tal-Qorti tal-Maġistrati kienu żbaljati u l-appellata kellha tinstab ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-5 ta' Settembru, 2023.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu isostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u provi imresqa quddiemha u ghalhekk waslet ghal gudizzju zbaljat meta ghaddiet biex tillibera lill-appellata.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din ilQorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul millewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma*

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.
Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li:
Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*tirrimpjazzax id-diskrezzjoni flapprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghallkonkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[2].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kinitx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi[3]

L-**artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali** jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[5] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tesamina l-provi kollha imresqa u dan sabiex tara jekk l-ewwel Qorti ghamlitx gudizzju hazin a bazi tal-provi imresqa quddiemha.

**PS 827 Edward Grech** xehed permezz ta' affidavit prezentat fl-atti a fol. 2 u jghid li nhar is-17 ta Lulju 2023 ghal habta tas-13.00 p.m waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa ta' Hal Qormi gie infurmat li fi Triq Valleta Qormi kien hemm habta bejn mutur u vettura u x-xuffier tal-mutur sofra xi griehi.

Huwa mar immedjatament fuq il-post indikat lilu u minn investigazzjonijiet prelimianri mizmuma minnu irrizulta li l-vettura Reg. No HBS 267 tal-ghamla Nissan March misjuqa minn Ramoma Borg kient habtet ma' mutur reg no ICF 165 tal-ghamla Kawazaki misjuq minn Victor Stafrace li dak il-hin kien gej mid-direzzjoni opposta. Kienu habtu b'konsegwenza li ma l-impatt ix-xuffier tal-mutur kien garrab xi griehi f'saqajh.

Mitkellem mill-Pulizija Victor stqarr li kien get minn naha ta' Hal Qormi direzzjoni lejn il-bypass u hekk kif wasal f'kantuniera ma' Triq Anal, Hal Qormi vettura HBS 267 kisret ghal go fih bil-konsegwenza li habtu. Giet mitkelma ukoll Ramona Borg l-appellata fejn din stqarret a tempo vergine li kient qed issuq fi Triq Valletta, Qormi u ridet iddur ghal Triq Armal Qormi. Rat li ma kein gej hadd u hekk kif kienet ser issur sabet mutur ma' wiccha. Pruvat tevitah imma kien ghal xejn ghax habtu. Fuq il-post giet imsejha l-ambulanza fejn ahdet lil Victor Stafrace ghal kura. Fuq il-post thallas OC 2172 sabiex tigi preservata ix-xena tal-incident filwaqt li sar sketch tal-habta. Gie infurmat iktar tard li dan Stafrace kien qed isofri minn griehi gravi.

Rat l-okkorrenza esebit fl-atti redatta minn PS **827 Edward Grech** u fiha hemm konferma tal-versonijiet moghtija lilu a tempo vergine tal-incident mis-sewwieqa tal-vettura u tal-mutur involuti flincident awtomobilistku.

[5] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

Rat il-patient certficatin form rilaxxjat minn Dr Daniel Desira li kkonferma li Stafrace kellu diversi fratturi f'saqajh u l-feriti subiti minnu kienu ta' natura gravi.

Rat l-isketch esebit fl-atti a fol 9 mahgmul minn PS 827 li jindika l-vettura tal-appellata b'mod angolata lejn il-lemin taghha u d-daqqa kienet fuq il-parti frontali tal-lemin.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Rosmar Mifsud** nhar it-28 ta' Lulju 2023 u qalli jiftakar li fi Frar 2021 kien ghaddej minn Triq Valletta, hal Qormi ghaddej bit-truck tieghu ghax spjega li jahdem fil-construction u kellu jieqaf ghax hemm *stop sign* u ra mutur niezel l-isfel fuq in-naha tieghu tat-triq. Huwa waqaflu u wara ra vettura tielgha minn triq opposta u daret ghal fejn kien wieqaf u dan minghajr ma ghamlet sinjal ta' xejn u laqtet il-mutur. Huwa gharaf lill-kwerelant bhala l-persuna li kien qed isuq il-mutur dakinhar tal-incident. Huwa gharaf ukoll lill-appellata bhala l-persuna li kienrt qed issuq il-vettura. Jghid li s-sinjura Borg dahlet f'tal mutur u dan tilef il-kontrol mexa ftit bid-daqqa tul ta' karozza u nofs u fl-ahhar mill-ahhar waqa' ma l-art. Huwa waqaf u gibed ritratt ghaliex l-imghallem tieghu l-hin kollu isaqasih fejn ikun. Huwa indika b'ittra A fuq ir-ritratt esebit minnu fejn kienet il-karozza u bl-ittra B' fejn kien il-mutur. Jghid li huwa ra l-incident isehh quddiemu meta kien wieqaf fi Triq Armal fuq l-istop sign. Jghid li kien hu li cempel ghall-ghajnuna u ghall-ambulanza. Jghid ukoll li meta nizel mill-karozza gharaf is-sewwieq tal-mutur.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Camel Sciberras** u kkonferma ir-rapport tieghu markat bhala Dok VS u kkonferma li Stafrace kien ghad kellu bzonn trattament minkejja li pprezenta r-rapport tieghu kkonferma li dan Stafrace ghandu 25% disabilita' permanenti kagun tal-incident.

Rat ix-xhieda ta' **Emanuel Mifsud** moghtija nhar it-28 ta' Marzu 2023 u jikkonferma li kien prezzenti ghall-incident li sehh nhar is-17 ta' Lulju 2021 meta kien niezel minn Triq Armal, Qormi bil-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni AAF 292 u sab karozza quddiemu u sab li kienet sejra fit-triq li kien bi hsiebu johrog minnha. Din hija triq *two way* u kien sejjer lejn Vallletta road u kif mar fuq stop sign sab karozza wieqfa tistennieh biex jidhol fit-triq tieghu minn fejn kien niezel u f'daqqa u l-hin kien hemm mutur minn naha tal-lemin tieghu u baqa' diehel fil-karozza li kienet quddiemu. Din il-vettura li kien hemm quddiemu kient ceditlu beix johrog qabel ma tidhol hi. Spicca ma harig izda ma kienx involut fl-incident. Jghid li appena l-mutur hareg minn wara

l-van sab il-karozza weiqfa fin-nofs tat-triq. Dan il-van kien ipparkjat. Ikkonferma li Borg kient wieqfa bl-indicator mixghul ser iddur fuq il-lemin taghha. Ikkonferma li Borg kienett fuq in-naha taghha ghaliex meta ghadda wara l-incident ghadda minn ma genbha. Is-sewwieq tal-mutur ha d-daqqa fuq in-naha tax-xuffier u dan spicca quddiem il-vettura bil-mutur b'kollox. Sakemm waslu l-Pulizija l-mutur intmiss ukoll. Mistoqsi jekk jgharafx xi hadd mis-sewwieqa jghid li le. In kontro ezami jghid li tal-mutur kien wrong side ghaliex l-vettura kienet fuq sajdha tistenna biex iddur. Il-mutur baqa' diehel head on. Jahseb li tal-mutur ma kellux hin biex jibbrejkja. Jikkonferma li t-triq ma kinitx dritta u meta dan tal-mutur sab il-vann kellu bilfors imur naqra *wrong side* ghax inkella jibqa' diehel fil-vann.

**Victor Stafrace** xehed u kkonferma li nhar is-17 ta' Lulju 2021 kien involut f'incident stradali f'Valletta Road, Qormi direzzjoni lejn il-Bypass. Jghid li kien ghaddej fuq in-naha tad-direzzjoni tal-Bypass u kien hemm karozza tal-ghamla Nissan March u kien hemm track li kien hiereg minn fuq *stop sign* u x'hin tat-trakk rah waqaf. Jghid li kien hemm karozza quddiemu u bla i*ndicators* xejn qabdet u x'hin waslet ghal Almar Street bidlet id-direzzjoni taghha. Jghid li hu kien sejjer lejn Valletta Road Qormi fil-Bypass u hi kienet gejja bil-kontra. Huwa esebixxa hames ritratti li gew mmarkati bhala Dok VS1 sa VS5. Tal-vann waqaf fuq l-istop sign ghax rah gej u l-karozza Nissan March li kienet fid-direzzjoni opposta ghal xi raguni bidlet id-direzzjoni bla *indicators* u dan sabiex probabilment tidhol fi Triq Armal. Huwa kien ser jibqa sejjer dritt. Hija qabdet u giet quddiemu biex tidhol fi triq laterali. Jghid li hu ma kellux hin lanqas jghafas il-brejk filfatt hadha fuq in-naha tax-xuffier. Meta laqtitu ma kintix wieqfa.

Huwa jghid li ma jaqbilx mal-versjoni tal-fatti kif moghtija minn Emmanuel Mifsud. Jghid li ma kienx hu li dahal fiha izda hi dahlet go fih. Kawza ta' dan l-incident jghid li sofra griehi f'saqajh il-leminija. Jghid li ma kienx ghaddej iktar minn 35km/h. Il-karozza ma tatux cans biex jisslowja ghax daret f'daqqa minghajr sinjal ta' *indicator.* Huwa kien boghod mit-truck li kien fuq l-*istop sign* xi 6 jew 7 metri. U x'hin rah baqa' isuq normali ghax dan cedielu. Jikkonferma li l-vettura ta' Borg haditu minn naha tax-xuffier u mhux hu laqatha. Qal li l-vettura kisret lejn Triq Armal appena kien hemm hu.

L-appellata **Ramona Borg** xehdet nhar it-28 ta' Marzu 2023 u qalet il nhar is-17 ta' Lulju 2021 kienet wieqfa tistenna biex taqsam ghal go triq imma kien hiereg track mill-istess triq allura kien ghadu 'l fuq sewwa tat-triq u b'hekk kellha tieqaf biex tistennieh johrog ma kienux jghaddu it-tnejn li huma. Hija riedet tidhol fi Triq Armal, li hija triq laterali mit-triq li kienet ghaddejja minnha. Tghid li ma setghetx tidfhol f'din it-triq bit-trakk. Tghid li kienet ilha wieqfa ghax anke karozzi kienu ghaddejjin minn quddiemha u t-trakk kien ghadu 'l fuq tat-triq jigifieri qed jistenna biex johrog. Kienet fuq il-lane taghha. Tghid li tal-mutur dahal go fiha. Tghid li fuq il-kareggjata tal-mutur kien hemm karozzi li kienu ghaddejjin ma genbha Tghid li tal-mutur dahal fil-fanal taghha u dan kien qieghed *wrong side*. Tinsisti li kienet wieqfa il-hin kollu.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-appellata ridet titlaq minn triq principali u tidhol fi triq laterali jew ahjar sekondarja.

***Bdil tad-direzzjoni***

***192.*** *Is-sinjali jigbdu l-attenzjoni ta' ohrajn li ju]aw it-triq, inkludi l-pedestrians, ghal dak li tkun bi hsiebek taghmel.*

***93. Inti ghandek***

• *taghmel sinjali cari minn hafna qabel, wara li tara li ma jkunx hazin li tagghi s-sinjal dak il-hin.*

• *aghti s-sinjal qabel ma tbiddel it-triq jew id-direzzjoni, sew ghal-lemin kif ukoll ghax-xellug, qabel ma twaqqaf jew taqla' 'l quddiem.*

• *dejjem iccekkja li titfi l-indicator wara li tuzah.*

• *kun zgur li s-sinjali tieghek ma jhawdux lill-ohrajn.*

*Jekk, per ezempju, trid tieqaf wara li tghaddi skontru, taghmilx sinjal qabel ma taqblu. Jekk taghmel sinjal qabel tista' tag[ti l-impressjoni li bi hsiebek tid[ol fih. Id-dwal tieghek tal-brejkijiet juru lit-traffiku warajk li qieghed tnaqqas il-velocità.*

*Timblukkax id-dhul ghal skontri*

• *uza idejk biex taghti sinjal u taghmel enfasi jekk mehtieg; Ftakar li kif taghmel is-sinjal xorta m'ghandekx prijorità*

***194. Ukoll***

• *oqghod attent ghas-sinjali li qed jaghmel haddiehor fit-triq u dur biss meta tkun cert li m'hemmx periklu.*

• *ftakar li sinjal minn indicator ta' vettura ohra seta' thalla jixghel*

***196***. *Qabel ma tibdel id-direzzjoni, naqqas il-velocità ughasses sewwa fuq it-traffiku ta' warajk billi thares minn gol-mera tieghek.*

***197.*** *Qabel ma tibdel id-direzzjoni ghan-naha tax-xellug, zomm kemm tista' mat-tarf tal-bankina tax-xellug qabel ma ddur. Jekk tixtieq iddur lejn il-lemin, dawwar il-vettura kemm jista' jkun bi prudenza, ghal nofs it-triq, izda minghajr ma tidhol fin-nofs l-iehor tat-triq. Tigbidx lejn il-lemin qabel ma ddawwar lejn ix-xellug, jew vice-versa.*

***198.*** *Fit-toroq li jkollhom aktar minn moghdija wahda fuq kull naha, tmurx f'daqqa lejn il-lemin jekk tkun fuq il-moghdija tan-naha tax-xellug, l-anqas f'daqqa lejn ix-xellug jekk tkun qed issuq matul il-moghdija tan-naha tal-lemin.*

***199.*** *Qabel tkun se tibdel id-direzzjoni, dejjem ghandek taghmel sinjal 'il fejn tkun trid iddawwar u ghandek tkun zgur li ma hemm l-ebda periklu billi thares fil-mera tieghek. Kun zgur illi l-indicator li juri 'l fejn tkun se ddur jaghti s-sinjal mixtieq u li titfih minnufih wara li ddur.*

***Ghaqda ta' zewg toroq***

***205.*** *Uza aktar attenzjoni f'ghaqda ta' zewg; toroq jew f'salib it-toroq. hares ghas-sinjali tat-traffiku, dawl ghat-traffiku jew marki tal-karreggata relattivi u obdihom.*

*IEQAF fejn ikun hemm sinjali 'STOP'. Suq bil-mod u cedi d-dritta fejn ikun hemm sinjali 'GIVE WAY'. Fejnma jkunx hemm sinjali bhal dawn, uza d-diskrezzjoni u l-prudenza.*

***206.*** *Kmieni qabel iddur f'ghaqda ta' jew; toroq arasewwa l-pozizzjoni u l-moviment tat-traffiku li jkun gej warajk. Uri b'sinjal il-hsieb tieghek u, meta ma jkunx iccekkja sewwa madwarek qabel ma tregga' lura perikoluz li taghmel hekk, hu l-pozizzjoni xierqa. Stennasakemm ikun hemm spazju xieraq bejnek u xi vetturi lijkunu gejjin, qabel ma ddur dawra shiha lejn il-lemin.*

***207.*** *Kif tkun qieghed iddur f'ghaqda ta' zewg; toroq, hares lejn il-lemin, imbaghad lejn ix-xellug u lejn il-leminmill-gdid. Issuqx qabel tkun zgur li ma hemmx periklu biex taghmel dan. Toqghodx fuq is-sinjali moghtija minn persuni mhux awtorizzati.*

***210.*** *Meta tkun tistenna ghal traffiku iehor f'ghaqda ta' zewg; toroq, hu pozizzjoni fejn il-vettura tieghek ma timblukkax fillieri ohra tat-traffiku u, jekk ikun hemm linji fejn tistenna, ieqaf f'dawk il-linji. Qis it-tul tal-vettura tieghek u tostakolax traffiku*

***211***. *Meta t-traffiku jkun mizmum, QATT 'taqbez il-queue' billi tidhol f'moghdija ohra jew billi taqla' vetturi li jkunu jistennew quddiemek.*

Dawn huma r-regoli li ghandhom jigu segwiti mis-sewwieqa li jkunu fi triq principali u sejrin jidhlu fi triq laterali.

Pero minkejja li nghad dan din m'hiex kwistjoni li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-principji legali izda ghamlet apprezzament ta' dak li ntqal mix-xhieda u cioe' li emnet il-verzjoni ta' Victor Stafrace kif kkonfermat mis-sewwieq tal-van Rosmar Mifsud. Pero meta ghamlet hekk jigifieri skartat ghal kollox ix-xhieda moghitja mill-appellanti kif korroborta sa certu punt minn Emanuel Mifsud. Illi din il-Qorti ma tistax tuzurpa d-diskrezzjoni uzata mill-Ewwel Qorti dwar apprezzament tax-xhieda ghaliex dan hu fatt u li jithalla fil-gudizzju taghha PERO din il-Qorti meta rinfaccjata b'xhieda li m'hiex onsistenti ghandha tissindika u tara liema hija x-xhieda l-iktar kredibbli u dan ghaliex l-attendenza ta' xhud hija wahda mill-elementi importanti dwar apprezzament ta' xhud kif rikjest fl-artikou 537 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Il-Qorti fl-apprezzament tax-xhieda ghandha tara min hu l-iktar kredibbli u attendibbli fic-cirkostanzi u kwadru tal-provi imresqa. Ma hemmx dubbju li l-appellant bidlet totalment il-verzjoni taghha minn dik moghtija a tempo vergina waqt l-investigazzjoni u dik moghtija iktar il-quddiem meta ridet tbiddel l-versjoni taghha anke sahansitra mal-pulizija li kiteb l-okkorenza. Ma hemmx dubbju li x-xhieda moghtija minha viva voce l-Qorti ma taqbilx ix-xhieda moghtija minnha lill-ufficjal investigattiv PS 827 Edward Grech.

A tempo vergine l-appellata tghid li kient qed issuq fi Triq Valletta Qormi u ridet iddur ghal Triq Armal Qormi. Rat li ma kien gej hadd u hekk kif kienet ser tikser sabet mutur

ma' wiccha pruvat tevitah imma kien ghal xejn ghax habtu. Iktar tard il-Qorti qalet li kienet wieqfa tistenna biex taqsam ghal got-triq imma kien hiereg trakk mill-istess triq allura kellha tieqaf sakemm ohrog ghax ma kienux jghaddu it-tnejn. Tghid li kienet fuq is-side taghha u s-sewwieq tal-mutur kien wrong side. Illi fl-ebda parti tax-xhieda taghha ma tghid ghaliex bidlet il-verzjoni ta' dak li gara.

Is-sewwieq tal-mutur kien konsistenti il-hin kollu f'kull stadju tal-investigazzjoni u prosekuzzjoni u dak li qal dan ix-xhud hu korroborat mix-xhud Rosmar Mifsud.

Ma hemm xdubbju li is-ewwieq Ramona Borg ma haditx l-prekawzjoni necessarja qabel ma ddecidiet li tbiddel il-lane u tinvadi l-karreggjata tal-mutur. Dan il-fatt jammonta ghal nuqqas ta' proper look out. Ma jirrizultax li is-sewwieq tal-mutur kellu xi speed eccessiv u li ghalhekk seta wasal quddiemha f'hakka t'ghajn. In-nuqqas taghha li tara is-sewwieq tal-mutur jammonta ghal nuqqas ta' proper look out.

Kif jghid il-**GIBB** f'**The Trial of Motor Car Accident Cases**[6] :-

> "A motorist has a right to turn his car in the highway unless prohibited by some regulation. In doing so, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence if he turns his car to the right across the path of a vehicle approaching … thus making it impossible for the driver of the other vehicle to avoid a collision."

Ghalhekk ma hemmx dubju li l-appellata kellha l-obbligu li qabel ma tibda ddur lejn il-lemin taccerta ruhha li setghet taghmel dan "with a good margin of safety" u li bl-ebda mod ma tfixkel il-passagg tas-sewwwieq tal-mutur li kien ghaddej fi triq principali ghall-affari tieghu. L-appellata tghid li kellha l-indicator ghalkemm kien hemm minn qal li ma kellhiex l-indicators mixghula, il-fatt li wiehed ikun xeghel l-indicator ma jatih ebda priorita' fuq haddiehor jew dritt li jaqleb ir- "rule of the road" favur tieghu. Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: **<u>Il-Pulizija vs. John Bartolo</u>**[7] - Il-fatt li wiehed jixghel l-indicator ma jista' qatt jigi estiz li jfisser li t-traffiku gej fuq il-main road ghandu jkun kostrett, jaltera l-speed, jew iwaqqaf ghal kollox u jitlef il-priorita'.

[6] Para 85

[7] Kollez.Vol. XXXVIII, iv. p.868

Min jixghel l- "indicators" ikun qieghed jaghti, kif hu obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu; imma imbaghad ma jistax, sempliciment ghax xal l-"indicator", jaghmel li jrid, jikser il-priorita' li jaghtu r-regolamenti w jaqleb ir-"rule of the road" favur tieghu.

**O.C. MAZENGARB** fil-monografija tieghu "**Negligence on the Highway**" jghid appropozitu li:-

> *"The act of turning across the line of oncoming traffic is one which requires a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventional signal of intention to deviate from one's course …In ordinary circumstances if a driver turns out of and across the line of traffic after giving the usual signal, he acts negligently unless he has reasonable grounds, besides the pure fact of his warning, for believing that he can cut across without endangering approaching traffic."*

Kif gie ukoll ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Francis Schembri**[8] :-

> *"Hawn hafna drivers li jahsbu illi meta jkunu ser jaqsmu ghal fuq il-lemin tat-triq, bizzejjed li jaghtu sinjal u li b' hekk ikunu intitolati li jaqsmu t-triq. Dan huwa zball u jikkostitwixxi mankanza gravi ta' min ikun isuq. Is-sinjal ghall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq; izda dan mhux bizzejjed. Biex hu jista' jaqsam, ikun hemm bzonn illi driver jaccerta ruhu illi bil-qasma tieghu tat-triq huwa ma jkunx ta' ostakolu lil traffiku iehor li jkun hemm fl-istess triq fuq iz-zewg direzzjonijiet, u meta jkun assikura ruhu b' dan, id-driver ikun intitolat li jaqsam it-triq."*

Illi hu ovvju li l-ewwel u l-aqwa mod kif wiehed jista' jassikura ruhu minn dan hija billi jezercita" a proper lookout" u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiz-zewg direzzjonijiet. Illi gie ukoll ritenut li hu dover ta' driver" to see what is in plain view" (App.Krim. **Il-Pulizija vs. Joseph Vella**[9] u li min ma jarax dak li ragonevolment

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kiiminali nhar is-26 ta Gunju 1968
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kiiminali nhar l-10 ta Awwwissu 1963

ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (App.Krim. **<u>Il-Pulizija vs. J. M. Laferla</u>**[10] .

Illi hu ovvju li l-appellata ma zammitx proper lookout ghax kieku harset tajjeb `il quddiem, apparti l-vettura li skondha kienet ghadha ferm il boghod fuq l-istop sign, kienet zgur tara l-mutur gej lejha. Dan il-mutur ma waqax mis-shab jew immaterjalizza fit-triq proprju kif hi kienet qieghda ddur lejn il-lemin. Bil-fors li kien ilu vizibbli ghal certu interval. Bil-fatt li l-appellata tibqa` tinsisti li hi f'ebda hin qabel l-habta ma kienet rat l-mutur, qed tinkrimina ruhha dwar in-nuqqas ta' proper lookout.

Ma hemmx dubbju li d-danni sofferti minn Victor Stafrace kienu dawk deskritti minn Mr Charles Sciberras u cioe' diversi fratturi f'dismu li hallew debilita' permanenti.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u qeda tilqa' ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali u war li rat l-artikolu tal-ligi 328 (b) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 (1) u (2) tal-kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-appellata hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tikkundannaha tlett mitt euro multa (€300) u tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tmint ijiem mill-illum u tordna  li jitpoggew tlett punti fuq il-licenzja tas-ssewqan tal-appellata ai termini tal-artikolu 18 u 36B tal LS 65.18.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kiiminali nhar is-17 ta Gunju, 1961